RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa F36**
**Il-Kunsill iltaqa' nhar**
**Il-Hamis 15 ta' Diċembru 2011 fis-7.00 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sna Doris Coleiro | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Antoine Borg | Kunsillier |
| Dr. Robert Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Frans Chircop | Kunsillier |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Ezekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**1.00 Qari u approvazzjoni tal-Minuti F35**

1.01 Is-Sindku Sandro Craus ppropona li l-minuti tas-seduta numru F35 tal-Kunsill jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Vici Sindku Doris Coleiro. Il-minuti gew approvati. — Approvazzjoni tal-Minuti Laqgha F35

**2.00 Korrezzjonijiet F35**

2.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet. — Korrezzjonijiet F35

**3.00 Punti li johorgu mill-Minuti F35**

3.01 3.03 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-Kunsill kien ircieva lura minghand l-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq, fejn il-kunsill gie mitlub jibghat informazzjoni dettaljata dwar il-persuni maghzula mil-kunsill. L-informazzjoni ghandha tintbghat lilhom fil-jiem li gejjin. — Bdil fl-ismijiet tat-toroq

3.02 4.01 Is-Sindku qal li Vjal il-Haddiem bqajna fl-istess sitwazzjoni, anzi marret ghal l-ghar bil-maltempata li ghamlet. Hu kompli billi li qal li kif gie maqbul f'seduti precedent, is-sena id-diehla hemm bzonn li l-Kunsill jaghmel aktar pressjoni fuq il-gvern centrali biex tissolva l-problema ta' din it-triq. — Vjal l-Haddiem



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

| | | |
|---|---|---|
| 3.03 | 4.03 Is-Sindku nforma l-laqgha li kienet giet ssotomessa l-applikazzjoni ghal Mizura 125, fejn il-kunsill kien ghamel lista ta' trejqiet li jistghu jibbenifikaw minn din l-mizura. | Mizura 125 |

**4.00 Komunikazzjoni mis-Sindku nkluz korrispondenza**

| | | |
|---|---|---|
| 4.01 | Is-Sindku nforma l-laqgha li ntbaghet ittra lil l-Onor. Ministru George Pullicino, lil l-Onor Chris Said u anke lil Prim Ministru, fejn infurmajnijhom li l-lokalita' tar-Rabat kienet soffriet minn diversi hsarat estensivi wara l-maltempata tal-jiem li ghaddew. Il-Kunsill fl-istess ittra talab li mill-aktar fis possibli jitnaddfu l-widien u dan minhabba li hafna mil-hsarat li garrabni kienu konsegwenza tal-fatt li l-widien ma gewx imnaddfa. Is-Sindku qal li sa issa l-Kunsill kien ghadu ma irceviex twegiba lura minghand l-Onor Pullicino. | Ittra mibghuta lil Onor. Ministru Pullicino |
| 4.02 | Is-Sindku nforma l-laqgha li waqt seduta numru 8 tal-Kumitat tar-Regjun tat-Tramuntana kienet ittiehdet decizzjoni li jinxraw bnadar godda tal-Kunsilli Lokali li taghhom ghad m'hemmx bandiera fl-ufficju amministrattiv tar-regjun.<br><br>Is-Sindku qal li l-kumitat tar-regjun kien baghat l-kwotazzjonijiet lil kunsill u l-spisa totali hija ta €299.55. Peress li ma kienx hemm qbil umanimu li l-bandiera u l-arblu jinxtraw a spejjez tal-kunsill s-Sindku ppropona li jitiehed vot li ghada kif gej:-<br><br>Is-Sindku is-Sur Alexander Craus u l-Kunsilliera Nazju Cassar, is-Sur Antoine Borg, Dr. Robert Micallef, is-Sur Paul Grech, is-Sur Peter Paul Azzopardi u s-Sur Frans Chircop ivvutaw favur, filwaqt li l-Vici Sindku Doris Coleiro ivvutat kontra. | Xiri ta' bnadar ghal ufficju Regjun Tramuntana |
| 4.03 | Is-Sindku informa l-laqgha li l-Kunsill ircieva talba mis-'Subculture Animal Friends' biex ghas-somma ta' €100 il-kunsill jissieheb maghhom fi progett sabiex jitqajjem gharfien rigward il-harsien tal-annimali fost it-tfal. Dan ser issir billi jitqassmu 10,500 ktieb li dawk l-istudenti li jattendu l-iskejjel primarji tal-istat.<br><br>Is-Sindku ppropona li l-kunsill jissieheb f'dan il-progett bil-ghan li nkomplu nqajjmu aktar kuxjenza u gharfien dwar il-harsien tal-annimali fost it-tfal Rabtin. Issekondat din l-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel. | Xiri ta' kotba ghal-iskejjel primarji dwar l-gharfien tal-annimali |
| 4.04 | Is-Sindku nforma il-laqgha li l-kunsill ircieva korrispondenza min TCTC fejn qed joffru korsijjiet tal-kompjuter ghal kommunitajiet. Wara diskuzzjoni dwar dan il-kunsill qabel li jsiru dawn il-korsijiet fil-lokalita, bil-kundizzjonijiet imnizla fid-dokument 50/1223/11. | Korsijiet tal-kompjuter |
| 4.05 | Is-Sindku qal li bhal kull sena il-kunsill lahaq ftehim ma tlett ghaqdiet Rabtin, li huma Zghazagh Rabtin Pawlini, Arcikonfraternita ta' San Guzepp u l-Arcikonfraternita ta' San Anton Abbati u l-Madonna tac-Cintura biex dawn jiehu hsieb l-armar tat-toroq ghal festi tal-Milied.<br><br>Il-Kunsill qabel li l-kundizzjonijiet ikunu l-istess bhal tas-sena precedent inkluz il-qbil tal-hlas finanzjarju fuq l-imsemmi xogholijiet. Il-Kunsill approva unanimament. | Armar tat-toroq ghal zmien Milied |
| 4.06 | Is-Sindku nforma il-laqgha li PKF kienu accettaw it-tibdil mitlub mil-Kunsil, hu kompla billi qara l-ittra mibghuta minn PKF. Il-Kunsill qabel unamimament li din l-kwotazzjoni ghandha tinghata lil PKF. | Ghazla tal-Kwotazzjoni ta' EU Consultant RLC/Q/0078/2011 |
| 4.07 | Is-Sindku ressaq dawn it-'tenders biex jigi mgedda li huma:-<br><br>- T/0082/09 'Manual Street Sweeping Zone1: Tal-Virtu' & Ghar Barka Areas'.- Kuntrattur is-Sur Brian Caruana. | Tigdid ta' ' Tenders' |

- T/0083/09 'Manual Street Sweeping Zone2: Ta' Giezu & Santu Wistin Areas.' – Kuntrattur is-Sur Philip Seguna.
- T/0084/09 'Manual Street Sweeping Zone3: Triq Kola Xara, Tac-Caghki, Santa Rita Areas'.- Kuntrattur is-Sur Philip Seguna.
- T/0085/09 'Manual Street Sweeping Zone': Bir Riebu, Nigret, Vjal l-Haddiem Areas' – Kuntrattur is-Sur Joseph & Charles Gauci.
- T/0091/09 'Works Monitor' – Kuntrattur is-Sur Ronald Scicluna.
- T/0093/10 'Collection of Domestic Waste' – Kuntrattur is-Sur Wilson Mifsud.
- T/0094/10 'Collection of Bulky Refuse' – Kuntrattur is-Sur Wilson Mifsud.

Il-Kunsill qabel unanimament li dawn it-tenders jigu mgedda ghal sena ohra.

4.08 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-applikazzjoni tal-Ghadqa tal-Banda ta' Had-Dingli biex issri karma tan-nar go Wied l-Isqof gie deferita ghal Gunju 2012. *Applikazzjonijiet ghal kmamar tan-nar.*

Il-Kunsill iddecida li m'ghandha tinbena l-ebda karma tan-nar ohra fil-lokalita tar-Rabat. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandna nibqghu noggezzjonaw ghal kull applikazzjoni ta' dan it-tip.

** Il-Kunsilliera Robert Micallef dahal ghal-laqgha fit-8.00p.m

4.09 Is-Sindku prezenta t-talba mis-Segretarju Ezekuttiv is-Sna. Orietta Masini Cardona fejn qed titlob l-approvazzjoni tal-kunsill sabiex titrasferixxi l-bilanc ta' 64 siegha f'vacation leave'li faddlilha ghas-sena 2011 u jigi trasferiti ghas-sena 2012. Il-Kunsill approva unanimament. *'Vacation Leave' tas-Sna Orietta Masini Cardona*

4.10 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-kunsill ircieva talba mill-Kap tal-iskola primarja tal-Bahrija biex il-kunsill ghin f' xiri ta' kotba ghal Jum ic-Celebrazzjoni tal-iskola. *Talba Skola Primarja Bahrija*

Wara diskuzzjoni dwar dan il-kunsill qabel li jaghti f'kotba l-ammont ta' 400 ewro lil l-iskola Primarja tal-Bahrija. Il-kunsill iddecida ukoll li f'sena ma jinqabizx l-ammont ta' 400 ewro f'kotba ghal kull skola primarja.

4.11 Is-Sindku Alexander Craus talb li jinxtara komputer gdid ghal ufficju tas-Sindku. Dan minhabba li kien aktar vijabli li jinxtara wiehed gid milli jisewwa dak li ghandu. Isseconda din l-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill approva. *Xiri ta' komputer gdid ghal ufficju tas-Sindku.*

**5.00 Komunikazzjoni mil-Kunsilliera**

5.01 Il-Kunsillier Nazju Cassar issugerixxa li ssir gandott fil-genb tat-triq ta' Misrah Sufara sabiex l-ilma tax-xita ikun jista' jaqleb ghal go fih. Il-Kunsill qabel. *Gandott ghal-ilma tax-xita Triq Misrah Sufara*

**6.00 Minuti Kumitat Amministattiv tal-Virtu A14**

6.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtu A14 jittiehdu bhala moqrija. Il-Kunsillier Frans Chircop ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. *Minuti KA Virtu A14*

**7.00 Minuti Kumitat Amministattiv tal-Virtu A15**

7.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtu A15 jittiehdu bhala moqrija. Il-Kunsillier Frans Chircop ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. *Minuti KA Virtu A15*

| | | |
|---|---|---|
| 7.02 | Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat l-laqgha li fis-seduta tal-KA tal-Virtu A16 (li l-minuti ta' din l-laqgha ghadhom ma gewx approvati), ic-'Chairperson' tal-kumitat is-Sur Lino Pace Bonello kien ipprezenta rapport u ippropona li dan ir-rapport jintbghat lil AKL.<br><br>Il-kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex tghaddilhom kopja ta' dan ir-rapport biex tkun tista titiehed decizzjoni fis-seduta li jmiss tal-kunsill. | Rapport mic-'Chairperson' KA Virtu |
| ** | Il-Kunsillier Antoine Borg talab li jigi skuzat fis-8.35 p.m. | |
| **8.00** | **Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-hlasijiet** | |
| 8.01 | Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat l-laqgha li l-pagament bin-numru 4038 mhux ser jithallas u dan minhabba li din l-kwotazzjoni tghid li s-servizz jinghata biss bejn ix-xhur ta' April u Ottubru.<br><br>Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-iskeda tal-hlasijiet numru 203 tigi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Frans Chircop. | L-iskeda tal-hlasijiet numru 203 |
| **9.00** | **Approvazzjoni tal-Programm tal-Hargiet ghall-Anzjani (Jannar – Gunju 2012)** | |
| 9.01 | Is-Sindku pprezenta il-programm tal-Hargiet ghall-Anzjani ghal perjodu bejn Jannar – Gunju 2012 li hejjiet il-Vici Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament. | Programm Hargiet ghall-Anzjani |
| **10.00** | **Ghazla tat-Tender ghas-Sinjali tat-Traffiku u Sinjali tat-Toroq RLC/T/103/2011** | |
| 10.01 | Is-Sindku pprezenta t-tender RLC/T/103/11 – Tender ghas-Sinjali tat-Traffiku u Sinjali tat-Toroq. Huwa spjega li it-tender infetah nhar il-Hamis 24 ta' Novembru, bi procedura normali, u peress li kien hemm biss zewg applikanti, huwa qed jipproponi li t-tender jigi diskuss u decizz waqt din il-laqgha tal-kunsill.<br><br>Il-Kunsill ghazel l-offerta tal-Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku ghax din l-offerta kienet l-aktar wahda vantagjuza. Minkejja dan il-Kunsill zamm id-dritt li jista itemm l-kuntratt jekk dan is-servizz offrut ma jkunx dak mixtieq. Il-Kunsill qabel li ghandha titnizel klawsola fil-kuntratt li tghid:- *The Contractor shall be liable to all applicable penalties decided upon by the council should he fail to provide the requested works within 10 days from the date of purchase/works orders. He shall also be liable to all applicable penalties decided upon should he fail to render an unsatisfactory service.* Il-Kunsill qabel unanimament. | Ghazla tat-Tender ghas-Sinjali tat-Traffiku u Sinjali tat-Toroq RLC/T/103/2011 |
| **11.00** | **Aggornament** | |
| 11.01 | Il-Kunsill qabel li l-laqgha tal-Kunsill li jmiss ghandha ssir nhar l-Hamis 19 ta' Jannar 2012 fis-7.00 p.m. | Aggornament |
| 11.02 | Il-laqgha ntemmet fil-9.40 p.m. | |

**Alexander Craus**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Ezekuttiv**